

# Gwida għall-Kors tal-Kurrikulu

Authored by
Russell Tucker

Proġett: Safety4El
Improved Safety for Electricians

# Prevenzjoni tar-Riskji tax-Xogħol

## Gwida għall-Kors tal-Kurrikulu

## Werrej

Introduzzjoni ........ 2
Riżorsi ta' tagħlim misjuba f'dan il-programm ........ 2
Unitajiet dwar Saħħa u Sigurtà misjuba ........ 3
Metodoloġija ........ 3
Tagħlim Imħallat ........ 3
Tagħlim-e (elettroniku) Awtonomu ........ 4
Metodi ta' Assessjar ........ 4
Formattiv ........ 4
Summattiv ........ 4
Informazzjoni Oħra ........ 5
Sigħat ta' studju rrakkomandati ........ 5
Differenzjazzjoni ........ 5
Għajnuna addizzjonali għat-tagħlim ........ 5
Min ikun għassa mal-istudenti ........ 5
Noti għal għajnuna addizzjonali għat-tagħlim ........ 5

*Is-sapport tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jfissirx li hemm qbil dwar il-kontenut li jirrifletti biss il-fehma tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni tal-materjal kontenut hawnhekk.*

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

## Introduzzjoni

Dan hu t-2ni Livell tal-Qafas tal-Kwalifiki u l-Kreditu, u programm ta' tagħlim tat-3et Livell tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki maħsub għall-prevenzjoni tar-riskju fuq ix-xogħol.

Meta ħaddiem jifhem il-perikli li jista' jiltaqa' magħhom waqt ħidmietu fl-industrija tal-elettriku bħalma hu sit ta' kostruzzjoni, se jkun hemm inqas periklu għalih u għal oħrajn.

## Riżorsi ta' tagħlim misjuba f'dan il-programm

Hemm pjattaforma onlajn f'ħames lingwi differenti:

- Ingliż
- Daniż
- Grieg
- Spanjol
- Malti

Din il-pjattaforma fiha:

- materjal ta' reviżjoni għal kull wieħed mill-ħdax-il topik
- assessjar onlajn għal kull topik
- każ ta' stejjer multimidjali dwar is-sigurtà għal kull topik, sostnut b'materjal li jista' jiġi pprintjat
- preżentazzjonijiet bl-islajds
- Manwal u dokumentazzjoni ta' gwida għall-CLIL (Content and Language Integrated Learning)

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

## Unitajiet dwar Saħħa u Sigurtà misjuba

1. Saħħa u Sigurtà Ġenerali waqt ix-Xogħol
2. Irfigħ Manwali
3. Rapportaġġ ta' Aċċidenti
4. Tagħmir Protettiv Personali waqt ix-Xogħol
5. Saħħa u Iġene
6. Nar u Emerġenza
7. Xogħol fil-Għoli
8. Tagħmir tax-Xogħol
9. Perikli f'Siti Speċjali
10. Elettrotekniku
11. Ambjentali

# Metodoloġija

## Tagħlim Imħallat

Dan hu tagħlim immexxi mill-istudent u li jimxi wara l-metodoloġija taz-Zone of Proximal Development ta' Vygotsky. Din tipprovdi ambjent li jispira, li hu sigur u li jissapportja.

Din il-metodoloġija tħajjar l-użu tal-metodu fejn l-istudent ikun iċ-ċentru filwaqt li l-għalliem ikun dak li jiffaċilita t-tagħlim.

L-ambjent tal-klassi għandu jkun imfassal b'mod li jagħti lill-istudenti l-ħila jesploraw it-topiks aktar fil-fond billi jipprovdi riżorsi tradizzjonali bħal powsters, kartanoti u kotba id f'id ma' riżorsi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni biex jgħin lill-istudenti jagħmlu r-riċerka tagħhom.

Għandu jkun hemm attivitajiet strutturati fi grupp biex iħeġġu l-interazzjoni, filwaqt li jippromwovu tagħlim bejn student u ieħor fi ħdan il-grupp.

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

Barra minn hekk, dan jgħin lill-istudent isir għalliem jew "l-ieħor li aktar jaf" filwaqt li jinkoraġġixxi l-kisba tajba tas-suġġett.

Waqt li l-istudenti jitgħallmu dawn il-ħiliet trasferibbli u kif jaħfnu t-tagħlim tagħhom, huma jgħinu ruħhom jiżviluppaw b'mod sħiħ.

### Tagħlim-e (elettroniku) Awtonomu

Il-programm ta' tagħlim-e (elettroniku) jista' jintuża bħala metodu biex wieħed jitgħallem bl-amment waħdu jew bħala parti minn grupp.

Dan hu wkoll iddisinjat għal min jaħdem u ma jistax jattendi istituzzjoni edukattiva, għax għaldaqstant ikun jista' juża l-verżjoni onlajn tat-test ta' reviżjoni biex jistudja meta jkunu jista' u skont ma jiflaħ.

Jekk wieħed ikun għadu jibda fl-industrija tal-kostruzzjoni, il-każi ta' storja interattivi se jgħinuh biex isir familjari mal-ambjent tax-xogħol li jkun dieħel fih.

## Metodi ta' Assessjar

### Formattiv

L-assessjar formattiv tal-istudent innifsu jista' jsir onlajn għal kull unità billi juża l-kwizzis li jiċċekkjaw xi jkun jaf. Wara li dak li jkun ilesti l-kwizz, jista' jirrevedi t-tweġibiet u jerġa' jagħmel il-kwizz sakemm jakkwista marka aċċettabbli.

### Summattiv

Kull kwizz li jittestja wieħed x'jaf misjub fil-bidu tal-pjattaforma fis-sezzjoni tal-korsijiet jista' jintuża biex wieħed ikollu assessjar summattiv tal-ħila tiegħu.

# Informazzjoni Oħra

## Sigħat ta' studju rrakkomandati

Huwa rrakkomandat li wieħed jagħmel bejn 30 u 40 siegħa studju.

## Differenzjazzjoni

Aktarx li l-gruppi ma jkunux tal-istess qies u jkunu ġejjin minn sfond soċjali u etniku differenti b'livelli ta' esperjenza varji. Il-mod kif isir it-tagħlim għandu jqis il-ħtiġijiet individwali tal-istudent.

## Għajnuna addizzjonali għat-tagħlim

Matul l-assessjar summattiv jista' jintuża qarrej bħala għajnuna lill-istudent.

## Min ikun għassa mal-istudenti

L-istaff għandu jkollu esperjenza fit-tmexxija u l-kontroll tas-sessjonijiet tal-eżamijiet.

Dawk involuti għandhom ikunu jafu u jifhmu l-kriterji tal-assessjar.

Min ikun għassa mal-istudenti ma jistax ukoll ikun qarrej fl-istess ħin.

Min ikun għassa mal-istudenti għandu jipprovdi pjan fejn se joqogħdu l-istudenti b'ismijiethom.

## Noti għal għajnuna addizzjonali għat-tagħlim

Il-qarrej jista' biss jaqra l-informazzjoni fuq l-iskrin.

Il-qarrej ma jistax jagħti lill-istudent xi indikazzjoni tat-tweġiba t-tajba.

Il-qarrej ma jistax ikun għassa mal-istudent fl-istess ħin.

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union